MDINA
*Città Notabile*

**Kunsill Lokali Mdina**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NRU 4 TAS-SITT KUNSILL**

| | |
|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL |
| **DATA** | 22 ta' Ottubru 2009 |
| **ĦIN** | 3.00pm |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Sindku | Peter Sant Manduca |
| | Viċi Sindku | Joseph Debono |
| | Kunsillier | Frederick Azzopardi |
| | Kunsillier | Jane Attard |
| | Kunsillier | Camilla Scerri |
| | Segretarju Eżekuttiv | Noel Cini |

**1.00 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.01 Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi ppropona li l-minuti jittieħdu bħala moqrija u wara staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk riedux iressqu xi emendi għall-minuti li kienu mibgħuta ma' l-aġenda.

1.02 Minħabba li ma kien hemm ebda tibdil, is-Sindku ppropona li dawn il-minuti jiġu approvati kif preżentati. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma' din il-proposta.

**2.00 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

2.01 Min]abba li ma kienx hemm punti li tqajjmu dwar il-minuti, il-Kunisll iddeċieda li jgħaddi għall-item li kien imiss.

**3.00 MOZZJONI MIS-SINDKU DWAR TALBA GHAT-TNEHHIJA TAS-SEGRETARJU EZEKUTTIV**

3.01 Il-Kunsill qal li kien qed jissospendi l-mozzjoni u dan jekk is-Segretarju jitlob li jittermina l-kariga tiegħu minn mal-kunsill.

3.02 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li u ma riedx jibqa' jaħdem mal-Kunsill Lokali ta' l-Imdina u għalhekk l-għada stess kien ser jaghmel talba uffiċjali fejn jitlob li jittermina l-kariga tiegħu ta' Segretarju Eżekuttiv minn mal-kunsill.

**4.00 KORRISPONDENZA**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil-Laqgħa li d-data tal-laqgħa organizzata mill-Fondazzjoni Majjistral Action Group kienet inbidlet u issa ser issir nhar l-Erbgħa, 4 ta' Novembru bejn is-6.30pm u s-7.30pm. Is-Segretarju fakkar lill-Kunsill li huwa ser ikun imsiefer matul dik il-ġimgħa u kien ser iħalli struzzjonijiet biex dak inhar filgħodu nfakkru lis-Sindku dwar din il-laqgħa. Għar-rigward ta' l-armar tas-siggijiet u l-mejda kien ser jieħu ħsiebhom hu qabel jitlaq.

4.02 Ittra ta' ringrazzjament mill-Kunsill Lokali tal-Mellieha fl-okkazzjoni taż-żjara ta' delegazzjoni minn Cipru fl-Imidna.

4.03 Talba minn grupp ta' żgħaħagħ biex jagħmlu session ta' mużika f' Misraħ is-Sur nhar is-6 ta' Novembru li ġej. Il-Kunsill qabel li din l-attivita` issir fi Gnien Howard u mhux fl-Imidna u li tintalab donazzjoni ta' 100.00 ewro

4.04 Talba mil-Lukanda Xara Palace dwar l-użu ta' Misraħ il-Kunsill għal tieġ fl-10 ta' Gunju 2010. Il-Kunsill qabel li japprova l-użu tal-misraħ u li tintalab donazzjoni ta' 300.00 ewro.

4.05 Stedina mill-Arċikonfraternita` ta' San Gużepp dwar iċ-ċerimonja li ssoltu ssir f' Novembru biex jitfakkru l-vittmi tal-gwerer. Il-Kunsill qabel li xi ħadd mill-membri għandu jattendi u li tiġi ordnata kuruna tal-fjuri sabiex titqiegħed fuq il-monument tal-vittmi tal-gwerra fi Gnien Howard.

4.06 Stedina mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Gimgħa Ewropea ta' Demokrazija Lokali.

4.07 Rapport mibgħut mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar spezzjonijiet ta' toroq fl-Imdina bejn Awwissu u Otubru 2009.

4.08 Ittra mill-MEUSAC dwar parteċipazzjoni f' Youth Exchanges taħt programm ta' l-Unjoni Ewropea. Wara li saret diskussjoni dwar dan kien deciż li l-Kunsill ghal' issa ma jieħux sehem.

4.09 Folmola ta' evalwazzjoni dwar fondi mill-Unjoni Ewropea, konsultazzjonijiet u affarijiet relatati ma' l-Unjoni Ewropea. Kien deċiż li dan għandu jimtela mis-Segretarju Eżekuttiv.

4.10 Avviż mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar twaħħil ta' reklami u posters ma' arbli tad-dawl, ħitan u sinjali oħra tat-trasport.

4.11 Is-Segretarju qara memo 63/2009 dwar is-Sehem fi Programmi tal-Unjoni Ewropea mill-Kunsilli Lokali.

4.12 Ittra ta' acknowledgment mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni dwar site plans mibgħuta mill-Kunsill dwar il-bini ta' l-istazzjon.

4.13 Ittra mibgħuta mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar dwar proposta sabiex għadd ta’ Kunsilli jingħaqdu meta jkun ser jinħareg il-kuntratt għall-ġbir ta’ skart imħallat. Il-Kunsill ta’ l-Imdina ma aċċettax din il-proposta.

4.14 Talba mill-MTA dwar informazzjoni qasira dwar il-lokalita` ta’ l-Imidna. Din kellha issir u tigi mibgħuta bħala draft lis-Sindku qabel tintbagħat.

4.15 Applikazzjoni tal-MEPA 04300/09 dwar żvilupp f’ numru 14 Triq Inguanez u avviż ta’ rejection dwar applikazzjoni numru 05947/08 dwar numru 1 Sqaq Aragona fl-Imidna.

4.15 Ittra dwar ġbir ta’ fondi għall-monument f’ gieħ Anton Agius. Il-Kunsill qabel li jħallas ammont żgħir ta’ xi spejjes involuti.

4.16 Talba dwar informazzjoni ta’ stabbilimenti kummerċjali fil-lokalita` mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

4.17 Avviż u stedina ghal-Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki li ser issir bejn is-6 u s-7 ta’ Novembru 2009 fil-Likanda Phoenicia. Is-Sindku u l-Viċi Sindku qalu li ser jattendu s-sessjoni ta’ nhar is-Sibt.

4.18 Ittra mit-Taqsima Propjeta` tal-Gvern dwar il-kamra tal-għodda li hemm fi Gnien Howard. Il-Kunsill qabel li jinbeda l-proċess għat-talba tad-devoluzzjoni ta’ din il-kamra.

4.19 Ittra mill-Kumitat Olimpiku Malti dwar l-MOC Sports Awards.

4.20 Talba dwar permess għal filming mill-Kumpanija Latina Pictures Ltd. Is-Sindku qal li dawn jingħataw il-permess meħtieġ jekk iġibu l-approvazzjoni mir-residenti li joqgħodu fl-inħawi ta’ fejn kellu jsir il-filming u li din għandha tkun bil-miktub.

**5.00 DRAFT BYE LAW**

5.01 Il-Kunsill iddeċieda li ghandha ssir seduta fejn fiha jiġi diskuss dan is-suġġett u kkunsidrata d-diċitura ta’ l-abbozz tal-Bye Law dwar Restrizzjoniji ta’ Dħul ta’ Karozzini fl-Imdina.

**6.00 POLZA TA” ASSIKURAZZJONI TAL-KUNSILL**

6.01 Is-Segretrau poġġa fuq il-mejda rapport mubgħut minn Island Insurance Brokers dwar xi stimi li nġabru dwar il-polza ta’ l-assikurazzjoni tal-Kunsill. Wara li nqraw partijiet minn dan ir-rapport, il-Kunsill iddeċieda li jagħżel l-offerta mitfugħa mis-Citadel Insurance Plc għal fatt li l-Kunsill diġa` kien assikurat magħhom u anke għax din kienet l-orħos stima.

**7.00 AFFARIJIET OHRA**

7.01 Is-Segretarju fakkar lill-Kunsill fil-ħarġa li kienet ser issir nhar is-Sibt 24 ta’ Ottubru li kienet tikkonsisti f’ harbour cruise.

7.02 Is-Segretarju qal ukoll li fuq struzzjonijiet tas-Sindku kien bagħat ċirkolari lir-residenti dwar il-frekwenza ta' ġbir ta' skart separat li issa ser jibda ssir kull ġimgħa flok kull ħmistax.

7.03 Il-Kunisll qabel li tintalab stima għal xogħol ta' xi tip ta' fencing madwar il-playing field.

7.04 Il-Kunsill qabel li f' xi seduta oħra tigi diskussa l-kwistjoni tal-permessi għal dġul bil-vetturi fl-Imidna u kif kellu jiġi stampat il-permess li jinħareġ.

7.05 Is-Segretarju qal li kienu daħlu madwar 15-il applikazzjoni għal-post ta' skrivan fuq bażi part time mal-Kunsill u qal li d-data tal-egħluq għal din is-sejħa kienet nhar is-Sibt 24 ta' Ottubru 2009.

**8.00 APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET U WORKS' ORDERS**

8.01 Is-Segretarju talab għall-approvazzjoni tal-ħlasijiet dovuti għax-xhar ta' Ottubru 2009. Din il-lista kienet approvata.

8.02 Is-Segretarju talab ukoll konsiderazzjoni u għall-approvazzjoni ta' dawn l-istimi ta' xogħol:

- Stima datata 7 ta' Ottubru 2009 dwar xogħol ta' tindif u ġbir ta' ħaxix mill-ground tal-football u l-inħawi ta' Triq l-Għarreqin u Għajn Hamam - li tammonta għal 480.00 ewro;
- Stima datata 7 ta' Ottubru 2009 dwar kiri ta' Tower Ladder sabiex isir parti mix-xogħol ta' hawn fuq - li tammonta għal 290.00 ewro;
- Stima datata 1 ta' Ottubru 2009 dwar xogħol ta' bdil ta' bozoz u xogħol ieħor b' konnessjoni mad-dawl tat-toroq u up lighters, li tammonta għal 384.00 ewro;
- Stima datata 17 ta' Settembru dwar xogħol ta' tindif u manutenzjoni ta' numru ta' up-lighters fit-toroq ta' l-Imdina – li tammonta għal 185.00 ewro.
- Stima dwar bdil ta' ktajjen tal-bandli li tmmonta ghal 1003.00 ewro.
- Stima dwar trangar ta' partijiet tas-safety surface tal-bandli li tammonta gal 34.95 ewro kull metru kwadru.

Dawn l-istimi gew kollha approvati mill-Kunsill.

8.03 Il-Kunsill ġab ukoll tlett stimi dwar xi apparat tal-plastic għall-playing field u xtaq ikun jaf jekk dik proposta minn John G Cassar Ltd kinietx toqgħod fl-ispazju li hemm u hekk dawn kellhomx xi waħda ftit akbar.

8.04 Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda żewġ kontijiet wieħed ta' 59.00 ewro minghand Central Asphalt Ltd u ieħor ta' 131.80 ewro mingħand il-Fontanella

Tea Garden u staqsa jekk xi ħadd mill-Kunillieri kienx jaf b' dawn il-kontijiet. Minħabba li ħadd ma jidher li kien ordna dan ix-xogħol is-Segretarju kien ser jiċċekkja ma' minn kien bagħat dawn il-kontijiet.

**9.00 AGGORNAMENT**

9.01 Is-seduta ġiet fi tmiemha fl-5.00pm minħabba li l-items ta' fuq l-aġenda ġew kollha eżawriti.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Noel Cini |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |